Kunsill Lokali Paola

*Ref*: 02/7/194/14

**Minuti tal-Laqgħa Nru. 3**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċini amministrattivi, fi Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola nhar Tlieta 30 ta' Ġunju 2015. Il-laqgħa bdiet fil-5.30pm. Għal-laqgħa kienu preżenti s-Sindku Dominic Grima, il-Viċi Sindku Steven Axisa, il-Kunsillier Roderick Spiteri, il-Kunsillier Bernard Sean Lynch, l-Kunsillier Nicholas Seychell, u l-Kunsillier Ivan Bartolo.

Kien hemm preżenti wkoll is-Segretarju Eżekuttiv Kurt Scerri.

Il-Kunsillier Tyrone Muscat kien skużat.

**1. Minuti**

1.1. Il-Minuti ġew approvati *nem com.*

1.2. Dwar punt nr. 2.1 is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri illi l-applikazzjoni tar-restawr ta' Palazzo Perellos ġiet kompluta u mibgħuta lid-Dipartiment konċernat. Huwa kompla billi irringrazzja lil Dr. Malcolm Borg, konsulent tal-Kunsill, għall-għajnuna tiegħu f'dan il-proċess.

1.3. Dwar punt nr. 9.4 il-Kunsillier Bernard Lynch talab rapport dwar l-*Strategic Meeting* li attendew għalih is-Sindku Dominic Grima u l-Viċi Sindku Steven Axisa b'rabta mal-proġett Ewropew *Linking the Lines.*

1.4. Dwar punt nr. 9.1 il-Kunsillier Lynch qal li l-Ħamis ser issir il-ħarġa għal Għawdex u hemm żewġ *privates* mimlija. Huwa kompla billi ta dettalji tal-programm.

**2. Korrispondenza**

2.1. Ittra mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bħala risposta għat-talba li l-Kunsill Lokali Paola kien għamel f'Novembru 2014. Id-Dipartiment qed jikkonferma li ser jiddepożita fil-kont tal-Kunsill is-somma ta' **€78,202.50** marbuta mal-proġett tat-toroq tal-PPP għall-ħames toroq li saru jiġifieri Inverness, Tifkira, San Edwardu, Nazzarenu u parti minn Sant Ubaldeska.

2.2. Ittra mingħand is-Sur Gużi Pisani, fejn qed jitlob il-Kunsill Lokali Paola jgħin fil-proċess ta' applikazzjoni għall-fondi mill-Malta Community Chest Fund. Il-membri qablu li dan ma jistax isir speċjalment fid-dawl li l-organizzazzjoni tiegħu m'hijiex rikonoxxuta bħala organizzazzjoni volontarja.

2.3. Talba mingħand is-Sur Adrian Blundell sabiex ipoġġi *vending machine* fil-bandli li tbiegħ ilma/snacks. Il-membri qablu sakemm jinġiebu il-permessi neċessarji u l-istess applikant iħallas għall-ispejjeż marbuta ma' din il-magna.

2.4. Ittra mingħand l-Onorevoli Ministru Konrad Mizzi li qed jissuġġerixxi li l-Kunsill Lokali Paola jagħti rikonoxximent lil Dr. Wang Xioalan, tabiba u Direttur tal-*Mediterranean Regional Centre for Traditional Chinese Medicine, Corradino*-Paola. Il-membri qablu li issir stedina sabiex Dr. Wang Xioalan tagħmel vista fil-Bini tal-Kunsill fejn hemmhekk tiġi preżentata b'rikonoxximent għall-ħidma tagħha fil-komunità.

2.5. Ittra mingħand Patri Mario Attard fejn qed jinforma lil Kunsill illi f'din is-sena il-patrijiet Kapuċċini qed jiċċelebraw il-50 anniversarju mill-ftuħ tal-knisja ta' St. Antnin. Huwa qed jipproponi li din l-komunità tiġi rikonoxxuta f'Jum Paola 2015. Is-Segretarju informa lil membri illi meta jibda joqrob iż-żmien li norganizzaw din l-attività nibgħatu ittra lil għaqdiet kollha sabiex huma jkunu jistgħu iwasslu in-nominazzjonijiet tagħhom għall-Ġieh Paola. Is-Segretarju issuġġerixxa li fid-dawl li ser jitlesta bandli ġdid fejn l-istess knisja ta' St. Antnin u anke minħabba dan l-anniversarju tal-Kapuċċini, l-attività ta' Jum Paola issir fil-parkeġġ tal-Knisja ta' St. Antnin. Il-Membri qablu. Fuq suġġeriment tal-Kunsillier Roderick Spiteri il-membri qablu wkoll li jitwaqqaf kumitat li jorganizza Jum Paola 2015 u jiddiskuti n-nominazzjonijiet għall-Ġieħ Paola 2015. Is-Sindku qal illi dan il-proċess ikun jista' isir mill-Kumitat Attivitajiet, Kultura u Arti. Il-Kunsillier Axisa ippropona li fl-okkażjoni ta' Jum Paola 2015 jingħata rikonoxximent lil Fr. Chris Ellul, saċerdot novell. Il-membri qablu.

## 3. <u>Proġett ta' Aċċessibilita A+</u>

3.1. Il-membri iddiskutew il-possibilitajiet ta' proġetti li jistgħu isiru sabiex itejbu l-aċċessibilita fil-lokal. Fost l-oħrajn issemmew proġetti li jagħmlu l-għassa tal-lokal waħda aċċessibbli kif ukoll proġetti ta' bankini aktar aċċessibbli fil-lokalita. Hemm bżonn ukoll li issir rampa għall-Knisja ta' Lourdes.

3.2. Il-Kunsillier Axisa żied illi s-sotto Kumitat Anzjani u Persuni b'diżabilità li ser jiġi diskuss aktar il-quddiem f'din il-laqgħa għadu jingħata l-impenn sabiex jelenka l-aktar proġetti li huma importanti u meħtieġa sabiex iżidu l-aċċessibilita fil-lokalita. Is-Sindku qabel ħafna ma' din il-proposta u għaldaqstant il-membri qablu li l-ewwel jitwaqqaf il-Kumitat sabiex jippreżenta rapport dwar l-iktar proġetti importanti li jżidu l-aċċessibilita fil-lokal sabiex il-Kunsill ikun jista' imexxi min hemm.

4. **<u>Kumitat Anzjani u Persuni b'diżabilità</u>**

4.1. Is-Sindku Dominic Grima ippropona illi jitwaqqaf sotto kumitat li jiffoka fuq Anzjani u Persuni b'diżabilità fejn fost l-oħrajn ikollu l-inkarigu li jippreżenta rapport lil Kunsill bl-istat ta' aċċessibilita tal-lokal kif ukoll jorganizza laqgħat dwar is-saħħa, anzjanità attiva etc. Il-membri qablu.

5. **<u>Tender Pavement Works</u>**

5.1. Il-membri qablu li fid-dawl tal-fatt illi l-kuntrattur *Polidano Brothers* naqas milli jonora ir-rikjesti tal-Kunsill Lokali Paola u għaldaqstant qablu li jwaqqfu dan it-tender skond dak li tippermetti il-liġi u d-dokument tat-tender sabiex umbagħad ikun jista' joħroġ tender ieħor. Il-membri qablu wkoll li jintalab parir legali dwar dan.

6. **<u>Ambulanza għall-Poliklinika</u>**

6.1. Is-Sindku informa lil membri illi fil-ġimgħat li ġejjin ser jibda jkun hawn ambulanza viċin tal-poliklinika 24-siegħa kuljum. Għaldaqstant kompla illi hemm il-ħtieġa li din l-ambulanza ikollha post ta' parkeġġ riservat għaliha. Il-membri qablu li dan il-post ikun quddiem *Casa Flamini.*

6.2. Il-Membri qablu wkoll li fid-dawl tad-disorganizazzjoni li jkun hemm fil-parkeġġ ta' quddiem il-klinika, għanda titwaħħal tabella simili għal dik ta' Transport Malta fejn turi li l-*parker* mhux imqabbad mill-Kunsill Lokali Paola biex jagħmel dan ix-xogħol. Għandna wkoll nipproponu li quddiem il-bieb tal-klinika ikun *Keep Clear* biex jitħalla aċċess liberu quddiem il-bieb.

KUNSILL LOKALI PAOLA

## 7. Komunikazzjoni mis-Sindku

7.1. Is-Sindku Dominic Grima ippropona illi bħal ma sar viċin ta' l-isptar isiru *sleeping police* aktar għolja għal-salib it-toroq ta' Triq Palma. Gew diskussi diversi possibilitajiet bħal użu ta' żebgħa/tarmac apposta ma' l-art. Il-membri qablu illi għanda nwasslu is-suġġerimenti tagħna lil Awtorità tat-Trasport u nitolbu laqgħa mal-Perit De Noto mill-aktar fis.

## 8. Skeda tal-Pagamenti

8.1. Il-Kunsillier Roderick Spiteri ippropona illi kif sar fil-bidu tal-leġislatura preċedenti, il-membri tal-Kunsill japprovaw illi pagamenti ta' pagi u tenders/kuntratti ikunu jistgħu joħorġu qabel ma jkunu approvati mil-laqgħa tal-Kunsill Lokali. Il-membri qablu.

8.2. Il-Kunsillier Axisa fakkar illi l-membri tal-Kunsill Lokali kienu approvaw is-somma ta' €2,000 b'rabta maċ-ċelebrazzjonijiet tal-Hibernians u r-rikonoxximent ta' dan lejn il-Kunsill Lokali Paola kien minimu ħafna, infatti l-unika apprezzament wasal biss mingħand is-Sur Stefan Zahra. Is-Sindku Dominic Grima qal li fix-xhur li ġejjin ser jitwaqqaf Kumitat għall-Kultura u Arti li jinkorpora fih l-għaqdiet tal-lokal u noħorġu *policy* ċara ta' kif il-Kunsill Lokali jassisti lil dawn l-għaqdiet fl-organizzazzjoni ta' attivitajiet kulturali u soċjali. Il-membri qablu li tintbagħat ittra lil club tal-HIBS fejn jiġu infurmati li l-Kunsill Lokali Paola xtaq li jkun rikonoxxut aktar bħala entita li organizzat ic-celebrazzjoniet b'kollaborazzjoni ma' l-istess club

8.3. Il-membri tal-Kunsill Lokali approvaw l-iskeda ta' Pagamenti Nru. 2 għas-somma ta' €86,416.05.

## 9. Aġġornament

9.1. Il-Laqgħa ġiet magħluqa fis-7:10pm u ġiet aġġornata għat-Tlieta 4 ta' Awissu 2015.

Kurt Scerri
Segretarju Eżekuttiv

Dominic Grima
Sindku